MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 37/2010

**Anthony Galea**

**vs**

**Mary Doris Micallef**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti:

Illi l-esponenti kien jikri lill-intimata, l-mezzanin bin-numru 23 Blokk A, Triq Katerina Vitale Xemxija versu l-kera ta' €512 fix-xahar pagabbli kull xahar bil-quddiem;

Illi t-terminu tal-istess kirja ghalqet fl-ahhar ta' Dicembru 2009, pero l-intimata baqghet tokkupa l-istess mezzanin minghajr il-kunsens tar-rikorrenti u qed tirrifjuta li tirrilaxxa l-istess liberu u vakanti favur tas-sid ir-rikorrent Anthony Galea;

Illi l-intimata naqset li thallas lir-rikorrenti l-ahhar xaghrejn kera cioe' dawk ta' Novembru u Dicembru 2009 u inoltre baqghet tokkupa l-istess mezzanin sa Marzu 2010 cioe' sal-prezentata tal-odjern rikors ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' €2560 rapprezentanti hames xhur okkupazzjoni;

Illi inoltre dan l-intimata ghandha thallas wkoll is-somma ta' €5458.88 rapprezentanti kontijiet tad-dawl u tal-ilma li akkummulaw fuq l-istess fond tul l-okkupazzjoni taghha ta' l-istess fond;

Illi ghalhekk l-intimata ghandha sa' issa thallas b'kollox lir-rikorrent is-somma komplessiva skont ic-cifri fuq indikati fl-ammont ta' €8018.88, liema somma tammonta kwindi ghal dejn li huwa cert, likwidu u dovut;

Illi l-intimata giet interpellata inutilment biex tersaq ghal hlas dovut u ghar-rilaxx liberu tal-mezzanin in kwistjoni u dan permezz ta' ittra legali datata 24 ta' Frar 2010;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 16A et seq ta' Att X tas-sena 2009 u kwindi l-intimata ma ghandhiex risposti x'taghti kontra t-talbiet tar-rikorrent li anke jekk ddikjarat permezz tal-anness affidavit mmarkat Dok A tant li sejjer jintalab sabiex dan il-Bord jghaddi ghad-decizjoni minghajr il-htiega tas-smiegh;

Ghaldaqstant prevja kull dikjarazzjoni li dan il-Bord jista' jidhirlu xierqa, r-rikorrent jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet premessi;

1. Jiddeciedi skont it-talbiet ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont l-artikolu 16A et seq tal-Att X tal-2009;
2. Jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent s-somma fuq mitluba fl-ammont ta' €8018.88 dovuta minnha ghar-ragunijiet precitati;
3. Jordna lill-intimata tizgombra 'l barra mill-mezzanin numru 23 Blokk A Triq Katerina Vitale, Xemxija,

fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dan l-istess Bord u konsegwentement tawtorizza lill-istess rikorrent jirriprendi l-pussess liberu u vakanti tal-precitat mezzanin fl-istess zmien qasir u perentorju ordnat mill-Bord;

B'riserva ghal kull dritt ta' azzjoni favur ir-rikorrent f'kaz li jirrizulta eventwalment li l-intimata kkawzat xi danni fil-fond minnnha okkupat mertu ta' din il-kawza;

Bl-ispejjes inkluzi dawn ta' mandat ta' sekwestru u ta' mandat ta' qbid kawtelatorji gia pprezentati qabel llum u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata;

Ra illi l-intimata kien debitament notifikata bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh.

Ra n-nota tar-rikorrenti li permezz taghha ceda t-talba tieghu limitatament ghar-ripresa tal-fond stante li nghata lura l-pussess liberu tal-fond fil-mori tal-appuntament, filwaqt illi zamm ferm u impregudikat it-talba tieghu dwar id-danni;

Ikkonsidra:

Illi fl-ewwel lok l-Bord jastejeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba ghar-ripresa tal-fond stante li l-istess talba kienet ceduta;

Illi wara li ezamina  r-rikors guramentat u semgha bil-gurament lir-rikorrenti jiddikjara illi *qua*  ma kien ebda kambjament mill-prezentata tar-rikors sal-lum;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrent limitatament ghall-

danni mitluba u kif ravvizati fir-rikors promotorju u jordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta’ €8,018.88;

Bl-ispejjez kontra l-intimata

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------